MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 773/2012

**Sphinx Creations Limited [C30454]**

**Vs**

**Jesmond MICALLEF [ID 319666M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-13 ta' Novembru, 2012** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elfejn u tlett mitt euro [€2,300] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi s-socjeta rikorrenti dahlet fi ftehim mal-intimat permezz ta' kuntratt hawn anness u mmarkat Dok SC 1, li permezz tieghu s-socjeta rikorrenti qabbdet l-intimat jaghmel xogholijiet fuq il-proprjeta li ġġib in-numru 33, St. Joseph Parish Street, Naxxar, kollox kif spjegat fl-istess kuntratt.

Illi l-partijiet ftiehmu, permezz ta' klawsola numru 11 tal-imsemmi kuntratt, illi l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta

attriċi l-ammont ta' elfejn u tmien mitt euro (€2800). Illi sal-lum il-gurnata, l-intimat hallas biss l-ammont ta' hames mitt euro (€500).

Illi s-socjeta attriċi interpellat l-intimat biex ihallas l-ammont dovut permezz ta' ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A (anness u mmarkat Dok SC 2), iżda l-intimat minbarra illi sal-lum ghadu ma hallasx il-bilanc ta' elfejn u tlett mitt euro (€2,300) qed jallega li l-hlasijiet saru (Dok SC 3).

Ghaldaqstant, l-esponenti qed titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex joghgbu jordna lill-intimat ihallas lill-esponenti l-ammont ta' elfejn u tlett mitt euro (€2300) flimkien ma' l-imghaxijiet u spejjez legali, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 2419/2012 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ppreżentat kontestwalment".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-12 ta' Dicembru, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"(1) Illi preliminarjament din l-azzjoni hija preskritta skond il-ligi ai termini 2149(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Illi minghajr preġudizzju ta' suespost, il-konvenut kien hallas a saldu l-ammont mitlub mis-socjeta attriċi u dan kif sejjer jirrizulta fis-smiegh tal-provi;

(3) Salv eċċezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez";

Ra l-verbal tat-18 ta' Dicembru, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta’ €2300 liema ammont huwa dovut a bażi ta’ ftehim datat 21 ta’ Frar, 2008 u senjatament tal-klawsola numru hdax (11) ta’ l-imsemmi ftehim. L-intimat laqa ghal l-istess talba billi qal li l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur ta’ l-artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u li huwa kien hallas a saldu l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tas-7 ta’ Marzu, 2013 **xehed l-intimat**. Beda biex ighid li xogholu huwa ta’ kuntrattur fil-qasam tal-kostruzzjoni. Jirrizulta li s-socjeta rikorrenti kienet taght xi xoghol ta’ kostruzzjoni lill-intimat u dan, da parti tieghu, kien weghda li jaghtiha s-somma ta’ hames mitt euro (€500) ghal kull sular li huwa jikkostruwixxi mis-sit li kien jinsab ġewwa n-Naxxar. Ikompli jghid li huwa kien hallas lil Chris tal-Creations (is-socjeta rikorrenti) “*l-ewwel hames mitt ewro (€500) hekk kif appena lestejna l-basement ta’ din il-propjeta’ li tinsab gewwa n-Naxxar. Kont mort is-showroom tieghu li jinsab Haz-Zebbug*” (fol. 16). Dawn il-flus kien ghaddiehom lill-imsemmi Chris [Falzon] fi flus kontanti qabel Lulju, 2008. Dan ta’ l-ahhar kien qallu sabiex “*ma noqghodx immur ghandu bil-hames mitt ewro (€500) kull sular illi nlesti izda biex meta nlestu kollox immur b’somma wahda*” (fol. 16). L-intimat ighid ukoll li huwa kien hallas il-kumplament u cioe l-ammont ta’ elfejn u tlett mitt euro (€2,300) f’Lulju tal-elfejn u tmienja (2008). Ghalhekk, ikompli jghid l-intimat, huwa hallas kollox lis-socjeta rikorrenti u ma kellhu jaghtih xejn. Meta gie muri d-dokument li hemm a fol. 3 u 4 tal-process (dok. SC 1) u cioe l-iskrittura ffirmata fil-21 ta’ Frar, 2008 l-intimat qal li jgharaf il-firma tieghu. Zied ighid li wara li ra l-iskrittura imsemmija, l-ammont li huwa kellhu jaghti lis-socjeta rikorrenti kien ta’ hames mija u sittin euro (€560) kull sular u mhux ta’ hames mitt euro (€500). Ghar-rigward ta’ l-ahhar pagament ta’ €2,300 l-intimat qal li “*jiena kont tajthom lil Chris tal-Creations x’hin konna qieghed naghmel xi xoghol il-Gharghur, mieghi kien hemm Darren*

*Galea dakinhar*" (fol. 17). Mistoqsi in kontro-ezami jekk huwa ghandhux VAT number, l-intimat wieġeb fl-affermattiv. Huwa qal ukoll li s-socjeta rikorrenti qatt ma taghtu riċevuta la ghal ewwel pagament u lanqas ghat-tieni wiehed. Fis-seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013 kompla l-kontro-ezami tieghu. Qal li l-ammont ta' elfejn u tmien mitt euro (€2800) huwa kien hallashom fi flus kontanti u qatt ma kien talab ricevuta minghand is-socjeta' rikorrenti. Lanqas is-socjeta rikorrenti ma qatt taghtu ricevuta. Mistoqsi jekk kien hemm xi kumpressur li kien kellmu dwaru Chris Falzon, l-intimat qal li iva kien hemm u li n-negozju kien li l-imsemmi Chris Falzon jixtri kumpressur minghandu bil-prezz ta' €4,000. Mistoqsi jekk in-negozju kienx wiehed ta' xiri jew inkella tpartit, l-intimat qal li le. Chris Falzon ried jixtri dan il-kumpressur u "*fil-fatt kien gab lil certu Jason Bonavia sabiex jarah u jiena kont staqsejt lil dan Jason Bonavia jekk hu ridtx jixtrih*" (fol. 36). Dan in-negozju kien gie diskuss wara li l-intimat kien hallas l-ammont dovut minnu lis-socjeta rikorrenti.

3. Fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2013 xehed **Darren Galea**. Huwa qal li kien jahdem ma l-intimat fix-xoghol tal-bini. Qal li f'Lulju tas-sena 2008 kien mar Chris Falzon hdejhom u taghhom xi xoghol x'jaghmlu ġewwa n-Naxxar. Ftakar li dan Falzon kien mar l-Gharghur. Qal ukoll li huwa kien preżenti meta l-intimat ghadda lil Chris Falzon is-somma ta' €2,300. Qal li dak-in-nhar, l-intimat kien qal lil Chris Falzon "*"Issa square" u Chris qallu "Iva settled"*" (fol. 18). Dan il-hlas, kompla jghid ix-xhud, kien sar f'Lulju tal-elfejn u tmienja (2008) peress illi f'Awwissu huwa kien siefer. Fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2013, xehed in kontro-ezami u qal li l-flus inghataw lil Chris Falzon meta hu u l-intimat kienu fuq biċċa xoghol ohra ġewwa l-Gharghur. Zied jghid li huwa kien ghamel madwar hames snin jahdem ma' l-intimat. Illum ma ghadux. Ix-xhud qal li l-intimat kien jghidlu b'kollox ghal dak li ghandu x'jaqsam ma xoghol. Ix-xhud qal li dak-in-nhar li kellhu jmur Chris Falzon jiġbor il-flus minghand l-intimat, l-istess intimat kien qallu "*li kellu jigi Chris tal-Creations biex nissetiljaw fuq is-senserija li kien hemm ghar-rigward tan-Naxxar*" (fol. 39). Mistoqsi mit-Tribunal x'interess kellu biex l-intimat jghidlu li hu jhallas is-senserija tan-Naxxar, ix-xhud wieġeb u qal

li "*l-intimat dejjem jghidli kollox fuq ix-xoghol. Naf anke minn hallsu u minn ma hallsux lill-intimat u dan peress illi kif diga ghidt jiena kont inkun naf kollox fuq ix-xoghol*" (fol. 40). Mistoqsi x'kienet ir-raguni l-ghala huwa waqaf jahdem ma' l-intimat, ix-xhud spjega li waqaf minhabba raġunijiet ta' sahha.

4. **Christopher Falzon**, direttur tas-socjeta rikorrenti xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal li s-socjeta rikorrenti tiehu hsieb ta' xoghol *turnkey*. Qal li fl-2008 huwa kien inkariga lill-intimat sabiex jaghmillu xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' blokk appartamenti fuq is-sit li jgib l-indirizz 33, St. Joseph Parish Street, Naxxar. Ghal dan il-ghan huma kienu ffirmaw kuntratt fil-21 ta' Frar, 2008. Skond dan il-ftehim, l-intimat kien obbliga li jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €2,800 "*... li minnhom ghandi nghid illi hallasni biss €500*" (fol. 21). Zied ighid li wara li tlesta x-xoghol, huwa hallas lill-intimat dak dovut lilu. Wara beda jcempillu biex jistaqsieh ghal ammont li kien dovut lilu. Qal ukoll li huwa kien ta lill-intimat zmien biex ihallas u dan minhabba r-relazzjoni ta' hbiberija li kellhom u "*... specjalment ghaliex kien qalli li kellu marda serja*" (fol. 21). Wara kwazi sena u nofs li kien tlesta x-xoghol, huwa kien hallas lill-perit u reggha haseb fl-intimat.

Ix-xhud zied ighid li "*... meta fl-ahhar irrisponda l-mobile, qalli li kien lest ihallasni bit-tpartit u fil-fatt kont mort ghandu l-Mosta, go garaxx .... fejn urieni karozza tal-ghamla Mercedes li ritratt taghha qed jigi hawn anness u mmarkat Dok CF 2 (i) – CF (iii)*" (fol. 21). Ighid li huwa riedu jixtri din il-Mercedes u jnaqqaslu l-ammont ta' €2,300 izda huwa ma accettax. Dan kien f'Mejju, 2011.

Ix-xhud qal li meta beda jistqsieh ghal hlas, l-intimat kien jghidlu li li hu kien jahdem bit-tpartit, li ma kellhux flus, biex jerga jkellmu u biex jaghtih ftit aktar zmien. Fil-bidu tas-sena 2012 huwa reggha mar ghand l-intimat fid-dar tieghu gewwa l-Mosta fejn dan ipprova jbeghlu zewg

vetturi tal-ghamla Mercedes kif ukoll id-dar tieghu. Dan pero ma kienx accettabbli ghax-xhud. F'Settembru, 2012 waqt li kien ghaddej minn H'Attard huwa ra lill-intimat u waqaf ikellmu. Ix-xhud reggha talbu ghal flus u l-intimat qallu li kellu kumpressur ghat-tpartit. Ftehmu biex imur jarah u ha trukk biex jghabbi dan il-kumpressur flimkien ma George Cachia, addett mas-socjeta rikorrenti. Meta waslu fuq il-post, l-intimat qabbad il-kumpressur u qallu li dan jiswa €4,300 u peress li kellu jaghtih €2,300 huwa qallu li jekk ir-rikorrenti jaghtih €2,000 seta jiehdu. Ix-xhud jghid li la huwa u lanqas George Cachia ma jifhmu fuq dan it-tip ta' makkinarju u kien ghalhekk li huwa cempel lil Jason Bonavia. Meta mar dan Bonavia biex jara l-kumpressur huwa qallu li ma kienx jiswa iktar minn €3,000 u ghalhekk ix-xhud offra d-differenza bejn €3,000 (il-valur tal-kumpressur) u l-ammont li kellu jigbor minghand l-intimat (€2,300) u cioe l-ammont ta' €700. L-intimat ma accettax.

Ix-xhud stqarr li l-ghada, l-intimat cempel lil dan Jason Bonavia u offrielu l-istess kumpressur ghall prezz ta' €3,000. Dan jafu ghax kien qalulu l-istess Jason Bonavia. Dak-in-nhar stess, ix-xhud reggha cempel lil intimat li offrielu *band saw* u talbu €2,000 taghha. Ix-xhud qal li huwa ma accettax din l-offerta ghaliex kien jaf li *band saw* gdida tiswa €1,800. Dak il-hin stess, ix-xhud qal lill-intimat li kien lest biex l-ghada jmur bit-trukk u jiehu l-ghodda komuni tal-bennejja (travetti, jacks u shutter) u filwaqt li dak il-hin, jkompli jghid ix-xhud, l-intimat accetta, fil-ghaxija cempillu u "*... qalli biex ninsihom dawk l-ghodda ghax juzahom hu*" (fol. 22). Wara dik it-telefonata, huwa ma baqax jikkomunika mal-intimat u mar ghand l-avukat tieghu.

5. **George Cachia** xehed ukoll bil-procedura ta' l-affidavit (fol. 32). Qal li huwa mpjegat tas-socjeta rikorrenti. Zied ighid li l-ewwel darba li kien iltaqa ma l-intimat kien fl-2012 meta mar ma Christopher Falzon biex

jghabbu kumpressur minn go garaxx gewwa l-Mosta. Ix-xhud qal li "*... Chris kien spjegali li jekk dan il-kompressur jiswa €2300 jew circa dak l-ammont, kien ser jiehdu biex jithallas bih*". Meta marru fuq il-post, l-intimat wera l-kumpressur lil Chris Falzon u qallu li dan kien jiswa €4,300 u li talbu €2,000 zieda. Qal li ghalkemm huwa ma jifhimx fil-kumpressuri huwa qal lil Chris Falzon li dan ma kienx jiswa daqshekk u kien ghalhekk li l-istess Chris Falzon kien cempel lil Jason Bonavia u stennieh jasal. Sakemm wasal Bonavia, x-xhud qal lil semgha lill-intimat ighid lil Chris Falzon li x-xoghol ma ghadux li kien u affarijiet bhal dawn. Semghu jistaqsieh ukoll "*... dan il-flus x'taghmel bihom*" (fol. 32). Ghalaq billi qal li dak-in-nhar huma telqu mill-garaxx ta' l-intimat minghajr il-kumpressur.

6. **Jason Bonavia** ukoll xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit (fol. 33). Huwa qal li kien ircieva telefonata fl-2012 minghand Chris Falzon fejn dan talbu sabiex imur jara kumpressur gewwa garaxx il-Mosta halli jghatih idea ta' kemm kien jiswa. Qal li meta ra dan il-kumpressur, dehrlu li ma kienx jiswa iktar minn €3,000. Dan Chris Falzon kien qallu li l-intimat kellhu jaghtih u li dan ta' l-ahhar ried ihallsu bi tpartit. L-ghada li kien mar jara dan il-kumpressur, ikompli jghid ix-xhud, huwa rcieva "*... telefonata minghand dan Jesmond Micallef, li lanqas biss naf minn fejn gab in-numru tieghi, u offrieli l-istess kompressur ghal €3,000*" (fol. 33). Ix-xhud infurmah li ma kellhux bzonnu. Fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2013 xehed in kontro-ezami. Huwa qal li lill-intimat jafu ghax gieli ltaqa mieghu fuq xi bicca xoghol. Zied ighid li "... *Chris Falzon kien qalli l-intimat kien tah xi bicca xoghol u li kellu jhallsu commission izda din il-commission qatt ma waslet*" (fol. 41). Mistoqsi dwar x'esperjenza ghandu fuq il-kumpressuri, x-xhud qal li "*jiena ghandi idea tajba ta' kemm jiswew il-kompressuri l-ghaliex ghandi hafna minnhom*" (fol. 41). Ix-xhud reggha ikkonferma li dan il-kumpressur kien jiswa madwar €3000. Zied ighid li meta morna ghand l-intimat la hu u lanqas Chris Falzon ma qalu lill-intimat li kienu mhajjrin li jixtru dan il-kumpressur. Qal li huwa mar jara dan il-kumpressur l-ghaliex Chris Falzon kien ser jiehdu flok ma jithallas u li dan Chris

Falzon kien talbu sabiex jaghtih l-opinjoni tieghu dwar kemm jiswa dan il-kompressur.

7. Ra d-dokumenti esebiti li jinkludu:

i. Ftehim iffirmat fil-21 ta’ Frar, 2008 bejn l-kontendenti. Skond dan il-ftehim, ix-xoghol fuq il-fond 33, St. Joseph Parish Street, Naxxar kellhu jitlesta sal-31 ta’ Lulju, 2008 u skond paragrafu numru hdax (11) “*The Supplier agrees to pay a total sum of 2800 Euros (two thousand, eight hundred Euros) to the Customer as a pre agree lump sum for commission, the payments will be split up into 5 payments 560 Euros (five hundred & sixty Euros) per floor*” (dok. SC 1 a fol. 3 u 4).

ii. Ittra ufficjali pprezentata f’Ottubru, 2012 mis-socjeta rikorrenti kontra l-intimat fejn dan ta’ l-ahhar gie interpellat sabiex ihallas l-ammont ta’ €2,300 u dan skond il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fil-21 ta’ Frar, 2008 (dok. SC 2 a fol. 5).

iii. Nota responsiva ta’ l-intimat ipprezentata fil-25 ta’ Ottubru, 2012 fejn jinghad testwalment “*Li biha huwa qed jichad li ghandu jaghti l-ammont ta’ Euro 2,300 lis-socjeta imsemmija stante li dan l-hlas kien sar aktar minn tlett snin ilu*” (dok. SC 3 a fol. 6).

Ikkunsidra ulterjorment;

8. L-ewwel kwistjoni li ghandha tiġi deċiża hija dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimat. L-Artikolu tal-ligi li gie ndikat mill-intimat fir-risposta tieghu huwa l-artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16. Dan l-artikolu tal-ligi jaqra hekk:

**2149.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’sentejn:

(*a*) l-azzjonijiet tal-bennejja ta’ bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta’ bini ieħor jew ta’xogħlijiet

oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu;

9. Jirrizulta mill-iskrittura iffirmata fil-21 ta' Frar, 2008 li l-ammont ta' €2,800 kellhu jithallas "*... as a pre agree lump sum for <u>commission</u>, the payments will be split up into 5 payments 560 Euros (five hundred & sixty Euros) per floor*" (fol. 4) (sottolinejar tat-Tribunal). Mela hawn jirrizulta manifestament li l-ammont ta' €2,800 kienu dovuti bhala *commission* u konsegwentement minghajr hafna dilungar, l-artikolu citat mill-intimat ma huwiex applikabbli.

10. It-tieni eċċezzjoni mqanqla mill-intimat hija li huwa kien hallas a saldu l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti. Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kienet tkellmet dwar l-apprezzament tal-provi u l-piz li ghandu jinghata mill-Qorti lil certu provi u liema ghandhom jigu skartati jew eliminati:

"*Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-*

*dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti*[1]"

11. Inghad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)*[2].

*(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'*[3].

(3) *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi*

---

[1] Ara ukoll f'dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2033 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010 per Onor. Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

[2] Ara **Francesca Mallia vs Salvatore Guillaumier** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Kollez. Vol. XLVI.I.5);

[3] Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Kollez. Vol. XXXVII.I.577);

*tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat*;

12. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[4].

13. Issa fil-kaz odjern, l-intimat stqarr li huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta rikorrenti u dan huwa kkonfermat mix-xhud Darren Galea li qal li huwa kien preżenti meta Chris Falzon, direttur tas-socjeta rikorrenti, kien mar fuq il-lant tax-xoghol fejn huwa kien qieghed jahdem flimkien ma l-intimat ġewwa l-Gharghur. Dak in-nhar, Darren Galea, li ma ghadux jahdem ma' l-intimat, semgha lill-intimat jghid lil Falzon "*Issa square*" u Falzon iwieġbu "*Iva settled*". Ftakar ukoll li dan id-diskors u l-pagament kien sar fl-ahhar ta' Lulju, 2008. Id-direttur tas-socjeta rikorrenti dan jichdu u jghid li l-intimat baqa ma hallsux u li ghamel aktar minn sena jiġri wara flusu. Falzon qal li f'Settembru, 2012 kien ghaddej minn H'Attard u x'hin ra lill-intimat, huwa waqaf u kellmu, b'dan ta' l-ahhar jghidlu li kellhu kumpressur u li kien lest ipartat dan il-kumpressur. Meta Falzon mar ghand l-intimat, kien

[4] Ara **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Gunju, 1912 (Kollez. Vol. XXIV.I.104);

hemm mieghu George Cachia u xi ftit tal-hin wara kien mar Jason Bonavia. Dan ta’ l-ahhar qal li l-kumpressur kien jiswa €3,000 u li ghalhekk Falzon offra lill-intimat sabiex jaghtih id-differenza bejn dak li kellha tiġbor is-socjeta rikorrenti minghand l-intimat u l-prezz tal-kumpressur kif stmat minn Bonavia. L-intimat ma aċċettax li jiehu din id-differenza ta’ €700 u ma ntlahaqx ftehim. Irrizulta ukoll li l-ghada li kien mar Bonavia ghand l-intimat, dan ta’ l-ahhar kien cempillu u qallu li jekk ried il-kumpressur bl-ammont ta’ €3,000 huwa setgha jiehdu. Bonavia wieġbu li ma kienx interessat li jixtri dan il-kumpressur.

14. Irrizulta ukoll li l-intimat ma esebiex riċevuta tal-hlasijiet li suppost kien ghamel lis-socjeta rikorrenti. Dan peress li fi kliem l-istess intimat, s-socjeta rikorrenti ma taghtux riċevuti u lanqas ma talabha riċevuta. Kontro-ezamijiet tax-xhieda tas-socjeta rikorrenti baqghu ma sarux. Ghar-rigward tal-kwistjoni tat-tpartit, l-intimat jichad li kien hemm xi ftehim dwar dan il-punt filwaqt li Chris Falzon ighid li l-intimat dejjem kien jippostponi l-hlas dovut minnu. It-Tribunal ma hux konvint minn dak li qal l-intimat u x-xhud minnu prodott Darren Galea ghar-rigward ta’ l-allegat hlas tas-somma ta’ €2,300. Ibda biex, ma kien hemm l-ebda raġuni biex l-intimat ma jaghtix dan il-kumpressur lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti ghas-somma ta’ €3000 meta l-ghada huwa ċempel lill-Jason Bonavia, li kien il-persuna li ghamel stima tal-kumpressur fl-ammont ta’ €3,000 u offrielu ghal bejgh b’dan l-ammont. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien ikun irid ihallas is-somma ta’ €700 differenza bejn dak li kellha tiġbor is-socjeta rikorrenti minghand l-intimat u l-prezz li bih ried ibiegh dan il-kumpressur l-intimat. Dan l-intimat ma ghamlux ghax ried elfejn euro f’idejh. Ma jaghmilx sens li lil wiehed tirrifjuta li tbieghu bi prezz, imbaghad l-ghada toffrih lil haddiehor bl-istess prezz. Apparti minn hekk, l-intimat baqa qatt ma ppreżenta riċevuti ghal dawn il-hlasijiet li suppost saru u jekk verament s-socjeta rikorrenti ma kienitx taghtu l-ewwel riċevuta ta’ €500 li jghid li kienu thallsu, allura l-intimat messu staqsa lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti ghal din ir-ricevuta jew inkellha l-ispjega ghala din ir-ricevuta baqghet ma

inghatatx lilu fil-kontro-ezami. Minn dan kollu ma sar xejn. Apparti minn hekk, hemm ukoll ix-xhieda ta' George Cachia u ta' l-istess Jason Bonavia li t-tnejn qalu li r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien qalilhom li l-intimat kellhu jaghtih. Issa kif nafu, l-artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 li jghid li t-Tribunal "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta*". Ma nġiebet l-ebda prova l-ghala t-Tribunal ghandu jiddubita mix-xhieda tas-socjeta rikorrenti u anke a bażi tar-rizultanzi processwali, t-Tribunal huwa tal-fehemha li s-socjeta rikorrenti rnexxielha tipprova l-kaz taghha u konsegwentement li hija ghandha tiehu minghand l-intimat is-somma ta' elfejn u tlett mitt euro (€2,300).

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kap. 16, jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet u jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn u tlett mitt euro [€2,300] bl-imghaxijiet skond il-ligi jibdew jiddekorru mil-31 ta' Lulju, 2008 (datat meta suppost li tlestew ix-xogholijiet skond il-ftehim iffirmat fil-21 ta' Frar, 2008) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------